# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

**Il-Pulizija**

**(Spettur Charlotte Curmi)**

**Vs**

**Ismael Pintley**

**Illum: 8 ta' April 2024.**

**Il-Qorti**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Ismael Pintley( 338193M) bin Anthony Pintley u Maria Theresa nee Farrugia mwieled fil-01/08/1993 u toqghod 13 Arc En Ciel Wesghat il-Palazz Siggiewi u talli fit-30 ta' Lulju 2018 ghall-habta ta' 09:30hrs fi Triq San Bartolomew, Hal Qormi soqt vettura nru IGV 202.

1. U aktar talli b'nuqqas ta hsieb bi traskuragni jew b'nuqqas ta hila fl-arti jew professjoni tieghu jew nuqqas ta tharis ta regolamenti ikkaguna hruq jew ghamilt xi hsara jew hassar jew gharraqt xi haga minhabba f'hekk Joseph Manicalo baghta offiza gravi

fuq il-persuna minghajr il-konsegwenzi msemmija fl-artikoluu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta skond kif iccertifika Dr Niccolo Massara MD mill-MDH.

2. U aktar talli inqast li tezercita l-kura w attenzjoni xierqa u taghmel sinjal meta kont ser tbiddel id-direzzjoni tieghek.

U Il-Prosekuzzjoni tablet li tigi skwalifikat mill-licenzji kollha tas-sewqan.

Il-Qorti mitluba li f' kas ta' htija minbarra li tinfliggi il-piena skond il-ligi tnaqqas il-punti mill-licenzja tas-sewqan hekk kif stabilit mill- LS 65.18 Art 36 B u fil- LS 65.18 Sitt Skeda.

Rat l-artikoli 328 ( c)  tal- Kap 9 LS .11 LS 65.18 Art 36 B u fil-LS 65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat li l-imputat ghazel li ma jixhidx.

Rat l-atti kollha , d-dokumenti kollha ezebiti u l-provi kollha.

Semghet it-trattazzjoni.

**Ikkunsidrat**

PS 362 W Birg xehed permezz ta affidavit dwar l-involviment tieghu fil-proceduri odjerni.

Dr Nicolo Massera xehed permezz ta' affidavit dwar Joseph Manicalo.

Joseph Manicolo xehed dwar id-dinamika tal-incident u senjatament qal li hu kien fil-karregjata tieghu u ra lill-vettura l-ohra riesqa bil-mod.  Imbaghad qal ukoll li kien qed jaghmel parallel driving.

**Ikkunsidrat**

Illi ma jirrizultax car il-posizzjoni ta' Joseph Manicolo in konfront tal- vettura misjuqa minn Ismael Pintley ezatt qabel u waqt l-incident stante li l-istess Joseph Manicolo jghid kemm li ra l-vettura l-ohra riesqa bil- mod quddiemu kif ukoll li kien qed jaghmel parallel driving. Fic-cirkostanzi dan ifisser li ma hemmx l- grad ta' provi rikjerst fil-kamp kriminali sabiex tirrizulta l-ebda wahda mill-imputazzjonijiet.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi ma issibx lil Ismael Pintley hati ta' ebda wahda mill-imputazzjonijiet u tilliberah minn kull htija u piena.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**